TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 21

L-Erbgha, 4 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 20 li saret nhar l-Erbgha, 4 ta' Frar, 2026, kienu approvati wara li taht Komunikazzjoni tas-Sindku, fil-paragrafu nru. 10.7, wara l-kliem "sa Sqaq Nru." jidhol in-numru "1".

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Tal-Pieta` Community Streets***. Is-Sindku informa li d-dati ghal dawn l-attivitajiet huma il-Hadd 8 ta' Marzu ġewwa Triq Hookham Frere u l-Hadd 12 ta' April ġewwa Triq Zammit Clapp.

3.2 ***Parkegg quddiem il-Villa tar-Regina***. Is-Sindku informa li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv gew mitluba jattendu ghal Traffic Management Committee ta' TM dwar dan is-suggett. Attenda wkoll rappreżentant tar-residenti kif ukoll numru ta' residenti. Il-Kunsill spjega l-pozizzjoni tieghu li ma jaqbilx li jonqsu l-parkeggi mit-triq iżda ma setghax imur kontra policies tal-PA dwar il-wisgha tat-triq. TM se jkunu qed jiddiskutu dan il-kaz u jinfurmawna.

3.3 ***Playingfield***. Is-Sindku informa li nbeda xi xoghol iżda ghad jonqos il-clearance tal-BCA. Ser ikun hemm site meetings regolari sabiex jiġi osservat il-progress fix-xoghol.

3.4 ***Van second hand***. Is-Sindku informa li l-van kien inxtara u diġà beda jaghti s-servizz ghal trasport b'xejn kif kien qabel u kif diġà kien informa lil kulhadd.

4 KORRISPONDENZA

4.1 ***Cafeteria Pjazza San Luqa:*** Il-Kunsill ghandu talba minghand min qed imexxi l-cafeteria ta' Pjazza San Luqa sabiex jestendi l-area fejn jistghu jitpoġġew aktar imwejjed u siġġijiet u sabiex minn kategoria 4C jitla' ghal 4D. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa din it-talba aktar 'il quddiem.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **Playingfield**: Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà kien qabel li mad-dawra tal-playingfield isir xi forma ta' fence biex jiġi evitat vandaliżmu jew abbuż matul il-lejl. Qed jissuġġerixxi li c-cint jibqa' kif inhu iżda jiġi kollu baxx bhalma hemm f'partijiet eżistenti tal-bandli u jsir hadid fuq. B'hekk ikun viżibbli l-bandli kollu min-naha ta' barra. Kien hemm qbil li din il-proposta tiġi mistharrga ma' Project Green.

5.2 **Towing Stickers**: Is-Sindku informa li fil-laqgha tar-Regjun li jmiss se tiġi diskussa l-proposta li tinhareg sticker mir-Regjun u li tintuża mill-kunsilli kollha li jaghmlu parti minnu. Il-process ta' min se jwahhal l-isticker irid jiehu hsiebu l-Kunsill filwaqt li ghad irid jiġi deċiż min ser jaghmel it-towing u r-responsabbilta` tieghu.

5.3 **Problema tal-hamiem selvagg**: Is-Sindku informa li kien se jinbeda proċess sabiex titnaqqas il-popolazzjoni tal-hamiem selvaġġ minhabba l-periklu ta' mard li jġorr. Minhabba l-problema li hawn bil-hamiem fil-lokalita`, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipparteċipa f'dan l-ezercizzju u jiġu identifikati postijiet li jkunu aċċessibbli ghal min ser ipoggi il-gageg neċessarji, iżda mhux f'post fejn jintlahaq minn kulhadd.

5.4 **Talba ghal lapida**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva talba minghand il-grupp ta' talb Kristu Rebbieh sabiex issir lapida ma' dar fi Triq San Luqa fejn kienu joqghodu koppja li qeghdin fil-process ta' beatifikazzjoni mill-Papa. Jekk il-Kunsill jaqbel li ssir, irid jinġieb il-kunsens tas-sidien ta' din id-dar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li jista' jkun hemm il-htiega li tinġieb DNO biex din issir. Kien hemm qbil li din issir f'kaz li jkun hemm il-kunsens tas-sidien.

5.5 **Cameras Pjazza Isidor Formosa**: Is-Sindku ppropona biex wara li jitlesta t-tisbih ta Pjazza Isidor Formosa, jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isiru madwar 3 cctv's fil-pjazza u l-madwar sabiex jonqos l-abbuz. Dan biex jikkumplimenta x-xoghol li qed isir bhalissa fuq il-bankinijiet, tibdil tas-sistema tad-dawl, restawr tal-fanali, zebgha tac-cnut u żbir tas-sigar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.6 **Sidewalk Library**: Is-Sindku ppropona li wara li jitlesta x-xoghol fi Pjazza Isidor Formosa, il-Kunsill japplika man-National Literacy Agency sabiex issir sidewalk library biex f'post attrezzat u ghal kwiet, wiehed ikun jista' jaqra xi ktieb. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.7 **Street Lighting:** Is-Sindku informa li l-Enemalta bdiet proġett sabiex permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill, tibdel il-bozoz kollha tat-triq ghal LEDs.

5.8 **PA/04190/23:** Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva mill-Avukat Claire Bonello, il-fees sabiex isir l-appell. Kien hemm qbil unanimu li ghandu jitkompla l-process tal-appell.

5.9 **Devoluzzjoni tal-car park ta' Triq Alfred Craig:** Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill proposta biex il-Kunsill jerga' jappilka formalment sabiex jitlob id-devoluzzjoni tal-car park ta' Triq Alfred Craig. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku biex terga' tintalab id-devoluzzjoni ta' dan il-post.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Kunsillier Grech staqsa jekk hdejn il-Kappella tad-Duluri hux se jibqa' maghluq kif inhu bhalissa. Is-Sindku wieġeb li dan se jibqa' maghluq minhabba l-progett tas-cycle lane ta' TM. Dan diġà gie diskuss fil-Kunsill u fakkar li l-Kunsill kien intervjena meta kien inbeda x-xoghol biex jinqala' l-pavimentar eżistenti.

7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

7.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 20. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

8. TMIEM

8.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 1 ta' April, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku